

# Żewġ Anniversarji x'niċċelebraw fl-2019

■ David Muscat

Din is-sena, il-Parroċċa Marija Bambina tal-Mellieħa qiegħda tiċċelebra żewġ ġrajjiet ewlenin fl-istorja twila tagħha. Qiegħed nirreferi għat-300 sena mill-bini tal-Ark Trijonfali fid-daħla tal-Bitħa tas-Santwarju u l-120 sena mill-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna bil-Bambin Ġesù meqjuma fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

## L-Ark Trijonfali

L-Ark Trijonfali nbena bejn l-1718 u l-1719 b'turija ta' ringrazzjament lill-Madonna talli sena qabel, fis-27 ta' Marzu 1718, wara żmien twil ta' nixfa, hekk kif intemm pellegrinaġġ għall-Knisja Matriċi tas-Sinjura tagħna tal-Mellieħa, qabel ma n-nies



ħarġet mis-Santwarju, bdiet nieżla x-xita. Il-pellegrinaġġ tal-1718 kien telaq minn ħdejn il-Knisja tal-Ħuġġieġa f'San Pawl il-Baħar u fih ħadu sehem il-Kleru Djoċesan u l-Fratellanzi.

Din ma kinitx l-ewwel darba li sar pellegrinaġġ minħabba n-nuqqas ta' xita. Fl-istess żminijiet, kemm kemm qabel il-pellegrinaġġ tal-1718, insibu tal-inqas żewġ pellegrinaġġi kbar oħra. Wieħed kien sar fl-20 ta' Marzu, 1661 minħabba wkoll in-nuqqas ta' xita u l-ieħor sar fl-20 ta' April, 1677, bħala turija ta' radd il-ħajr, wara li spiċċat il-pesta qerrieda, li qatlet madwar 11,300 ruħ madwar Malta u Għawdex. Dan tal-aħħar tmexxa mill-Isqof Lawrenz Astiria u mill-Kapitlu tal-Katidral. Fih ħadu sehem il-Kleru Djoċesan, il-Fratellanzi u ġemgħa kbira ta' Maltin u Għawdxin. Il-pellegrinaġġ kien beda minn ħdejn il-Knisja tal-Ħuġġieġa f'San Pawl il-Baħar bħall-pellegrinaġġ tal-1718.

Skont l-Inkwiżitur Ercole Visconti, li kien Delegat Appostoliku, dakinhar tal-pellegrinaġġ tal-1677, u għal bosta ġimgħat qabel, kien sar talb quddiem ix-Xbieħa mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa biex tagħmel ix-xita għax kien ilha ma tagħmel tliet xhur, u wara l-pellegrinaġġ niżlet ix-xita, l-istess bħalma ġara fl-1718.

Ta' min jgħid li waqt il-pellegrinaġġ tal-1718 kienu nġabru 78 skud, 5 tarì u 4 grani. Dawn intużaw biex jitħallsu l-ispejjeż tax-xogħol li kien sar fil-kmamar tas-Santwarju u ċ-ċimiterju tiegħu. Dak iż-żmien ir-Rettur tas-Santwarju kien Dun Fabrizju Busuttil mix-Xewkija, Għawdex. Fi żmienu (1709-1720), żdied l-għadd ta' nies li kienu jgħammru fil-Mellieħa. Għalhekk, ir-Rettur ħaseb biex ikabbar is-Santwarju b'kappella oħra ma' dik li kienet ġa teżisti (1710-1714), bena kmamar għall-pellegrini fin-naħa tal-Lvant tas-Santwarju (1710-1714), u saret il-faċċata tas-Santwarju li tħares lejn il-Lvant, b'żewġ entraturi kif nafuha llum, fuq pjanta ta' Mastru Dumink Zammit minn Ħal Luqa (1717-1719).

Devot kbir tal-Madonna tal-Mellieħa u benefattur tas-Santwarju f'dawk iż-żminijiet insibu lill-Gran Mastru Ramon Perellos Y Rocaful, Sultan ta' Malta bejn l-1696 u l-1720. Fi żmienu mal-kosta Melleħija nbnew għadd ta' batteriji u ridotti. Il-Gran Mastru Perellos sar devot tal-Madonna għax fl-1708 marad serjament, talab lill-Beata Verġni Marija tal-Mellieħa u bl-interċessjoni tagħha fieq għalkollox mill-marda li kellu. Bħala turija ta' radd il-ħajr lill-Madonna, hu kien taha lampier, il-ġmiel tiegħu, maħdum mill-filigranu tal-fidda, kif ukoll, fl-1717 offra mitt skud għall-ispejjeż tal-faċċata tas-Santwarju.

## L-Inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Madonna bil-Bambin Ġesù

L-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna u l-Bambin Ġesù b'kuruni tad-deheb, meqjuma fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, saret nhar il-Ħadd, 24 ta' Settembru tal-1899 mill-Isqof Pietru Pace megħjun minn żewġ isqfijiet oħra, Mons. Ġwanni M. Camilleri, Isqof ta' Għawdex u Mons. Salvu Gaffiero, Isqof titulari ta' Silimbria. Għall-okkażjoni, fis-6 ta' Awwissu tal-1899, l-Isqof Pace ħareġ ittra pastorali dwar l-inkurunazzjoni li nqrat fil-knejjes kollha tad-djoċesi. Fl-ittra l-Isqof stieden lil kull Nisrani biex imur għall-festa tal-inkurunazzjoni ħalli hekk jingħata ġieħ lill-kobor u l-glorja tal-Verġni Mqaddsa Marija.



Il-petizzjoni biex issir l-inkurunazzjoni kien għamilha l-Kappillan tal-Mellieħa ta' dak iż-żmien, Dun Franġisk Marija Magri fis-sena 1895. Il-Kappillan kiteb lill-Isqof Pace u dan għamel it-talba formali lill-Papa Ljun XIII. Il-Papa laqa' t-talba u fid-29 ta' Mejju tal-1895, ħareġ id-digriet tal-Inkurunazzjoni. Kienu d-devozzjoni, l-għadd kbir ta' pellegrinaġġi u l-grazzji maqlugħa min-nies li wasslu lill-Kappillan Magri u lill-Isqof Pace biex inressqu t-talba tagħhom lill-Qdusija Tiegħu, il-Papa.

L-inkurunazzjoni ma saritx fl-1895 imma erba' snin wara, fl-1899, għax il-parroċċa tal-Mellieħa ma kinitx tiflaħ għall-ispejjeż involuti. Dak iż-żmien kienet għadha qed tinbena l-knisja parrokkjali, liema bini kien beda fl-1883. Bejn l-1895 u l-1898 saret l-iskultura fuq ġewwa tal-Knisja minn Franġisk Busuttil mir-Rabat, Malta. Din waħidha ġiet tiswa 98 lira u 10 xelini. Imbagħad, fl-1897, inbniet is-sagristija, ħafna iżgħar milli kien ippjanat, u mhux f'postha proprju. Is-sagristija swiet mal-57 lira oħra.

Fil-5 ta' Settembru 1897, minkejja li l-bini ma kienx għadu kollu lest, l-Isqof Pace, mistieden mill-Kappillan Magri, bierek b'mod solenni l-knisja l-ġdida. Sena wara, Ġużeppi Cali pinġa t-titular tal-Madonna tal-Vitorja u fil-festa tal-Vitorja tal-istess sena, li ħabtet il-Ħamis, iżżanżan l-artal maġġur tal-irħam. L-artal sewa lill-parroċċa kemxa ġmielha. Biss biss ġdid, meta nħadem f'Palermo fl-1798, l-artal kien iġib 600 skud. L-artal inġieb mill-Bażilika tal-Karmnu, il-Belt Valletta.

## Serata mużiko-letterarja

Biex tikkommemora dawn iż-żewġ avvenimenti ewlenin fl-istorja tas-Santwarju u l-Mellieħa, nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju 2019, l-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina flimkien mal-Parroċċa tal-Mellieħa, tellgħet serata mużiko-letterarja ta' sagħtejn fil-Bitħa tas-Santwarju.



Matul is-serata, l-450 ruħ preżenti ngħataw tagħrif storiku dwar l-istorja tas-Santwarju u l-Mellieħa mill-preistorja saż-żminijiet tal-lum. Bejn silta mużikali u oħra, ġew iżuru mill-ġdid lis-Santwarju protagonisti fl-istorja tiegħu, fi kliem ieħor, San Pawl u San Luqa; Dun Luqa Camilleri, l-ewwel kappillan magħruf; ir-Rajjes Damat Halil; il-Gran Mastru Alof de Wignacourt; Marija, pellegrina tas-seklu 18; l-Isqof Pietru Pace; Karmnu Vella, ġuvnott Mellieħi, li għex fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, u l-Papa San Ġwanni Pawlu t-Tieni. Il-personaġġi tkellmu mal-ġemgħa dwar kif kienet il-Mellieħa u minn xiex kienu għaddejja l-Melleħin fiż-żmien li fih għexu huma.

Fil-programm mużiko-letterarju, l-orkestra tmexxiet mis-Surmast Michael Bonanno u l-kor tal-Għaqda Korali u Orkestrali minn Susanne Bonello. Il-kitba tat-testi u n-narrazzjoni kienu xogħol is-Sur David Muscat filwaqt li l-kordinazzjoni tal-programm kienet f'idejn is-Sur Joseph Debono u s-Sur Joseph Farrugia. Fil-programm ħadu sehem mal-150 persuna, bejn mużiċisti, kantanti, u atturi, fosthom l-Għaqda tal-Abbatini San Alwiġi Gonzaga tal-Mellieħa.


### *Biblijografija:*

**L-informazzjoni miġjuba fl-artiklu ttieħdet minn dawn il-kotba:**

Bonnici, A. (1994) *Il-Mellieħa Fid-Dawl ta' Ġrajjiet is-Santwarju u l-Parroċċa.* Parroċċa tal-Mellieħa.

Freller, T. (2017) *Il-Madonna tal-Mellieħa, Santwarju Malti ta' Fama Internazzjonali u l-Istorja Tiegħu.* Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Book Distributors Limited.

Mifsud, Ġ. (1987) *Il-Madonna tal-Mellieħa.* Parroċċa tal-Mellieħa, Printwell Ltd.

Muscat, J. (2009) *L-Istorja tal-Mellieħa Dati Storiċi.* Kunsill Lokali, Mellieħa, Ħannieqa Kotba Melleħin, Bestprint.

Muscat, J. (2015) *Il-Mellieħa Lemħa Lejn Ġrajjietha.* Printit Ltd.






